MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 1540/2005/1

**Vincent u Anna konjugi Portelli**

**vs**

**Joseph u M' Stella konjugi Sammut**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Lulju, 2006 fejn it-Tribunal intalab jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sitt mija u tletin Lira Maltin (Lm630) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal, rapprezentanti kumpens ghall-mano d'opera tax-xogholijiet ta' xkatlar u tibjid illi l-attur ezegwixxa fil-fond propjeta` tal-konvenuti gewwa z-Zurrieq.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittri interpellatorji datati 27 ta' April 2005 u 30 ta' Mejju 2005, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew (1) illi t-talbiet huma preskritti ai termini tal-Ligi 2148 (a) Kap 14, (2) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut qatt ma qabbad lill-atturi jaghmlu xogholijiet u lanqas kien awtorizzat jaghmel dan ix-xoghol u kien it-tifel tieghu li qabbad lill-minuri jaghmel dawn ix-xogholijiet, (3) il-fond in kwistjoni kien misluf ghand it-tifel tal-attur u bint tal-konvenuti u meta gie misluf il-fond kien fi stat tajjeb ta' abitazzjoni, (4) illi minghajr pregudizzju l-ammont mitlub huwa ferm esagerat, (5) illi bix-xogholijiet li ghamel l-attur halla hafna hsarat fil-fond. Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra d-decizjoni in parte tat-Tribunal moghtija fid-9 ta' Jannar 2006 li permezz taghha giet deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ;

Ra l-atti kollha, l-provi kollha prodotti, x-xhieda kollha mressqa u mismugha u d-dokumenti kollha esebiti;

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati difensuri;

Ra illi l-kawza giet differita ghall-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Illi din il-kawza tikkoncerna talba ghal hlas ta' xogholijiet u materjal maghmula mill-attur f'fond tal-konvenuti fl-isfond tal-fatt illi dak iz-zmien illi kienu qed isiru x-xogholijiet, ulied l-kontendenti kienu gharajjes u bi hsieb ta' zwieg.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi huwa giust illi jekk l-atturi ghamlu xogholijiet u spejjes fil-fond tal-konvenuti – dawn jitolbu hlas u kumpens ghal tali xogholijiet u spejjes.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi saru xogholijiet fil-fond propjeta` tal-konvenuti – u fi kliem l-attur stess, l-ammont li qed jitlob bl-Avviz de quo jinkludi l-materjal msemmi

f'Dok VP1 u d-differenza illi hija mano d'opera (xhiedha Vincent Portelli – 16/02/06 – fol 30).

Ikkunsidra ulterjorment illi DOK VP1 mhux ricevuta fiskali, imma hija lista ta' oggetti bi prezzijiet individwali u prezz globali, miktuba bl-inka fuq dik li suppost hija *carbon copy* – u allura t-Tribunal ihoss illi dan id-dokument ma ghandux jigi accettat bhala prova ta' hlas illi sar mill-atturi aktar u aktar meta kkunsidrat dak li xehdet Stephanie Sammut, bint il-konvenuti, illi dwar dawk l-oggetti gia gew maqsuma (anke in kwantu spejjes) bejn ulied il-kontendenti.

Illi t-Tribunal ihoss illi li ta' lok ghal din il-vertenza kienet biss pika illi wasslet rizultat tat-tkissir ta' l-gherusija ta' ulied il-kontendenti – u zgur illi raguni u buon sens messu wassal lill-istess kontendenti illi jevitaw din il-pendenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li ha konjizzjoni ta' l-atti kollha u ezamina l-provi kollha prodotti, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jastjeni milli jesprimi ruhu issa dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti (stante li din gia giet deciza b'sentenza in parte tad-9 ta' Jannar 2006), jichad t-tieni, t-tielet u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti u jilqa` r-raba` eccezzjoni tal-konvenuti filwaqt illi jilqa` t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' erba' mija u zewg Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm402.35) - allura s-somma ta' sitt mija u tletin Liri Maltin (Lm630) mitluba neqsin mitejn u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm227.65) l-valur ta' Dok VP1 - u jikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma appuntu ta' erba' mija u zewg Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm402.35).

Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz odjern u bl-ispejjes ta' din l-istanza illi ghandhom jinqasmu in kwantu ghal kwart (1/4) ghall-atturi u tlett kwati (3/4) li ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti."

Appellaw minn din is-sentenza l-konvenuti li talbu r-revoka taghha.  L-aggravju principali taghhom hu limitat ghal

kontestazzjoni ta' l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal. Huma jikkontendu illi qatt ma ngaggaw lill-attur biex dan jezegwixxi xoghlijiet fil-fond taghhom u, konsegwentement, ma kienet tezisti ebda relazzjoni guridika bejniethom. Jikkontendu wkoll illi se mai l-azzjoni kellha tkun wahda ta' arrikkiment indebitu jew dik ta' thassir tal-gherusija;

Jigi premess, qabel xejn, illi din il-Qorti ezaminat l-atti processwali u wara debita riflessjoni dwarhom issib li l-appell devolut lilha ma jimmeritax li jigi akkolt. Hi sewwa maghrufa il-gurisprudenza segwita b' mod konkordi minn din il-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament tal-fatti li jkun ghamel tribunal adit mill-mertu ma kellux jigi disturbat jekk ma jkunx intwera lilha b' mod perswaziv illi tali apprezzament hu wiehed manifestament errat u, jekk sostenut, jikkreja ingustizzja. Ara fost ohrajn **Kollez. Vol. XXIV P I p 104** u **Vol. XXXVII P I p 56**. Dan ma huwiex il-kaz fil-fattispeci prezenti u, anzi, il-Qorti hi tal-fehma li, fil-kumpless, il-fatti gew korrettement evalwati mit-Tribunal u r-ragonament dwarhom imsahhah minn motivazzjoni adegwata;

Fuq il-konvinciment taghha l-Qorti ssib li hi plawsibbli u verosimili l-versjoni ta' l-attur appellat illi x-xoghlijiet ta' xkatlar u tibjid fil-fond ta' l-appellanti twettqu minnu mhux ghar-raguni semplici illi ibnu kien gharus lil bint l-appellanti imma ghaliex, fir-realta, hu tqabbad jaghmel dawk ix-xoghlijiet mill-appellanti. Fil-verita, din il-Qorti ma tantx taghti piz lid-dikjarazzjoni mistqarra ta' l-appellanti jew dik ta' bintu Stephanie Sammut (fol. 15), illi x-xoghlijiet saru fuq struzzjonijiet ta' iben l-istess appellat. Lanqas ma tqieghed wisq affidament fuq id-deposizzjoni ta' l-istess appellant illi, bhal speci, hu lanqas kien jaf x' qed isir fil-fond proprjeta` tieghu ghax hu "ftit li xejn" kien imur fil-post u lill-attur qatt ma nzertah u "ma ra lil hadd jaghmel ix-xoghlijiet hemmhekk". Ara xhieda ta' l-appellanti a fol. 12;

Il-Qorti tinterpreta mill-provi illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim intiz ghall-produzzjoni ta' effett guridiku. L-appellanti jobbjetta illi huwa qatt ma immanifesta xi volonta` li jintlahaq negozju guridiku u, anzi, jikkonforta ruhu fuq is-skiet tieghu meta x-xoghlijiet kienu qed isiru fl-istess fond li tieghu kien ukoll il-proprjetarju. Issa ankorke kellu jigi maqbul illi s-skiet ma jikkostitwix manifestazzjoni negozjali, dan jista' jassumi tali veste f' rapport ghac-cirkostanzi partikolari. Tista' ghalhekk f' dawn il-dati cirkostanzi tinsorgi l-presenza ta' volonta negozjali tacita, purke` univoka. Manifestazzjoni ta' volonta bhal din kapaci tigi kostitwita jew permezz ta' dikjarazzjoni verbali *facta concludentia*, dejjem jekk, s' intendi, minnha tigi nferita tifsira volitiva. Tista' wkoll, bhal f' dan il-kaz, tkun manifesta bil-fatt tal-konsenja tac-cwievet tal-fond mill-appellant lill-attur. Ara x-xhieda ta' dan ta' l-ahhar a fol. 31. Naturalment sta ghall-gudikant li mill-fatti jinterpreta din il-volonta` negozjali;

Jibqa' l-fatt illi fil-kaz in ispecje mhux il-kaz lanqas ta' manifestazzjoni tacita` daqskemm dik espressa fejn l-intent persegwit kien li l-attur jesegwixxi certi xoghlijiet fil-fond ta' l-appellanti. Hu proprju dan li fil-hsieb tal-Qorti jillustra dik il-volonta` ta' impenn fuq il-levell tar-rapport prattiku u guridiku. Isegwi minn dan illi l-azzjoni giet sewwa impustata in kwantu l-ftehim hu kollokat taht l-istitut tal-*locatio operis*, kif definit dan il-kuntratt fl-Artikolu 1623 relattiv tal-Kodici Civili. La darba, kif ammess mill-appellat, ma kienx hemm ftehim minn qabel dwar il-prezz tax-xoghlijiet, kien konformi mad-dispost ta' l-artikolu sussegwenti 1624 li l-gudikatur jarbitra dwaru. Raggunta din il-konkluzjoni ma jistax ikun hemm sostenn fl-affermazzjoni ta' l-appellanti illi l-azzjoni sperimentata messha kienet dik ta' l-arrikkiment debitu jew dik tar-resiliment ta' l-isponsali. Dan ghaliex, kif ben saput, ta' l-ewwel hi koncessa ghal kaz meta l-azzjoni *ex contractu* mhix esperibbli (ara **Kollez. Vol. XXXIX P II p 764**) mentri dik tat-tieni tippresupponi l-konsegwiment ghad-danni minn xi hadd fost l-gharajjes, u dan mhux il-kaz hawnhekk.

Ghal motivi kollha superjorment espressi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------